

Brussell, 11 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7214/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0047(NLE)**

PECHE 95

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 96 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Laqqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinar tal-Oċean Indjan u li tħassar id-Deċiżjoni 9767/17

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 96 final.

Mehmuż: COM(2019) 96 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2019
COM(2019) 96 final

2019/0047 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan u li tħassar id-Deċiżjoni 9767/17

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'Laqgħat tal-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) għall-perjodu 2019-2023 b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan

Il-mira tal-Ftehim dwar is-SIOF hija li jiżgura l-konservazzjoni fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim u li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, billi jistabbilixxi l-Laqgħa tal-Partijiet. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2012.

L-Unjoni hija parti tal-Ftehim dwar is-SIOF, wara li rratifikat il-Ftehim skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE¹.

2.2. Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA

Il-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA hija l-korp stabbilit mill-Ftehim dwar is-SIOF biex ikun responsabbli għall-ġestjoni u għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim. Jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni biex jikseb l-aħjar użu tar-riżorsi tas-sajd taħt taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Bħala membru tal-Laqgħa tal-Partijiet, l-Unjoni għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' votazzjoni. Il-Laqgħa tal-Partijiet tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha b'konsensus.

2.3. Deċiżjonijiet adottati mil-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA

Il-Laqgħa tal-Partijiet għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li huma vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti.

Skont l-Artikolu 8(3) tal-Ftehim dwar is-SIOF, flimkien mal-paragrafu 4 tar-Regola 12 tar-Regoli ta' Proċedura tas-SIOFA, il-miżuri jidħlu fis-seħħ 90 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu nnotifikati dwarhom mis-SIOFA.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs, regional fisheries management organisations) hija stabbilita, attwalment, skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għas-SIOFA, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 9767/17 tat-30 ta' Mejju 2017, li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fis-SIOFA għall-perjodu 2017-2021. Id-Deċiżjoni tinkludi prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis ukoll, sa fejn hu possibbli, l-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

ispeċifitàjiet tas-SIOFA. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena, kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni 9767/17 ma tippredix rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni fis-SIOFA qabel il-laqgħa annwali tal-2022. Madankollu, il-maġġoranza vasta tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-diversi RFMOs li għalihom hija parti kontraenti, għandhom jiġu rieżaminati qabel il-laqgħat annwali tal-2019 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, biex tiġi promossa l-koerenza fost il-pożizzjonijiet tal-Unjoni fl-RFMOs kollha u biex jiġi sinkronizzat iż-żmien għall-proċeduri ta' reviżjoni, huwa xieraq li r-reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan is-SIOFA għall-perjodu 2019-2023 ssir qabel u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9767/17.

Id-Deċiżjoni 9767/17 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², filwaqt li tqis ukoll l-oġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS³. Barra minn hekk, din aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti tas-sajd, tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar *Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari*⁴, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni dwar *Il-Governanza Internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*⁵ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Kongunta⁶.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sewa stabbilita fi ftehim, meta dik is-sewa tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat, u l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”⁷.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar is-SIOF.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁴ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

⁵ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

⁶ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

⁷ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja v Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-atti li l-Laqgħa tal-Partijiet tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti għandhom ikunu vinkolanti skont il-liġi internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar is-SIOF u huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat⁸;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁹; u
- Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹⁰.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar is-SIOF.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-obettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk dak l-att isegwi żewġ obettivi jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-obettivi jew minn dawn il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tiġi bbażata fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik li jirrikjedi l-obettiv jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridiku li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 9767/17.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁸ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁰ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan u li tħassar id-Deċiżjoni 9767/17

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008¹¹, l-Unjoni kkonkludiet il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (Ftehim dwar is-SIOF) li stabbilixxa l-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA.
- (2) Il-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA hija responsabbli għall-ġestjoni u għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taż-żona tal-Ftehim dwar is-SIOF. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u relatati mal-impjieġ, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment il-qbid skartat u tippromwovi metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, tal-qabdiel mhux mixtieqa, u għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi speċifikament li daww l-oġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twertiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.
- (4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-

¹¹ ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27.

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jthassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

*governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*¹³ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni kongunta¹⁴, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effettività tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sajd reġjonali (RFMOs) u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.

- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari*¹⁵, tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA għall-perjodu 2019-2023, billi l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar adottati mil-Laqgħa annwali tal-Partijiet se jkunu vinkolanti għall-Unjoni u se jkunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹⁶; Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹⁷; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 9767/17¹⁹ ma tippovdix għal rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Laqgħat tal-Partijiet qabel il-laqgħa annwali tal-2022. Madankollu, il-maġġoranza vasta tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan id-diversi RFMOs li għalihom l-Unjoni hija Parti Kontraenti, huma mistennija li jiġu riveduti qabel il-laqgħat annwali tal-2019 ta' dawk l-RFMOs. Għalhekk, biex tiġi promossa koerenza mtejba fost il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-RFMOs kollha u biex jiġihaffef il-proċess tar-reviżjoni, huwa xieraq li r-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 9767/17 ssir qabel u li tiġi revokata billi tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2019-2023;
- (8) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim dwar is-SIOF u l-ħtieġa konsegwenti għall-pożizzjoni tal-Unjoni biex tqis żviluppi ġodda, inkluża informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni ġdida oħra rilevanti ppreżentata qabel

¹³ JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

¹⁴ 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.

¹⁵ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istabbiliment ta' pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA).

jew matul il-laqgħat tal-Laqgħat tal-Partijiet tas-SIOFA, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mnaqqxa fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2023.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinar tal-Oċean Indjan (SIOFA) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Laqgħa tal-Partijiet tal-SIOFA għandha titwettaq f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-Laqgħa tal-Partijiet tas-SIOFA fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 9767/17 tat-30 ta' Mejju 2017 hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*